# TIFTAĦX, JA WARD SABIĦ!

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Tiftaħx, ja ward sabiħ, quddiem għajnejna,
xerred 'il bogħod il-fwejjaħ
qalb il-widien u l-ġonna
għax aħna mitlufin f'ħolm aktar sbejjaħ.

Isbaħ minn lwien il-ward id-deheb u l-fidda,
tlellix il-flus u l-frugħa.
Il-lum il-Ġmiel u s-Sewwa
ħdejn il-pjaċir tal-ħajja saru bluha.

Isbaħ mix-xemx, isbaħ mid-dwal tal-kwiekeb
id-dwal tal-linfi tagħna
fis-swali kbar fejn jiżfnu
bla serħ iż-żgħażagħ mitlufin, sakrana.

Il-għerf sar bluha u telf ta' żmien il-kotba.
Dan huwa l-qawl tal-ħajja:
mhemmx ħniena imma moħqrija,
mibegħda flok imħabba. Hekk juru l-ġrajja.

Kollox inqaleb: għax il-Haqq u s-Sewwa
u l-Ġieh ħolma ta' dari.
Ġmiel l-Arti u n-Natura
ma jgħoddx għalina: u xorta l-ġnien u x-xagħri.

Mel'agħlaq fommok ħelu, ja ward sbejjaħ,
biex taħbi l-ġmiel 'l għajnejna;
tarmix il-fwejjaħ fostna,
xerred il-ġmiel 'il bogħod, 'il bogħod minn ħdejna!

15. VIII. 1947.